



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-  
UNJONI EWROPEA GĦALL-  
AFFARIJET BARRANIN U L-  
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 4.3.2015  
JOIN(2015) 6 final

**DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI KONĠUNTA**

**Lejn Politika Ewropeja tal-Viċinat ġdida**

## I. Introduzzjoni. Relazzjoni Speċjali

Neħtieġu Ewropa aktar b'saħħitha meta niġu għall-politika barranija. Ma' pajjiżi fil-viċinat tagħna, jeħtieġ li nintensifikaw il-kooperazzjoni mill-qrib, l-assoċjazzjoni u s-sħubija biex jissaħħu aktar ir-rabtiet ekonomiċi u politiċi tagħna.

L-Artikolu 8(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jstabbilixxi li "*l-Unjoni għandha tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien tagħha, bil-għan li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u karatterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi ibbażati fuq il-kooperazzjoni*".

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) ġiet imfassla fl-2003 (Komunikazzjoni "Ewropa Usà"<sup>1</sup>) biex tiżviluppa relazzjonijiet eqreb bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha kif ukoll biex tingħata l-opportunità għal integrazzjoni ekonomika eqreb mal-UE u l-prospettiva ta' aċċess akbar għas-Suq Intern tal-UE. Il-pjan kien sabiex l-integrazzjoni tkun progressiva, permezz tal-implimentazzjoni ta' riformi politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali li joffru sfida, u impenn lejn valuri komuni.

Matul l-aħħar għaxar snin, kien hemm żviluppi politiċi sinifikanti fil-viċinat. Il-viċinat tal-lum huwa inqas stabbli milli kien għaxar snin ilu. Pereżempju, fil-Lvant, sfidi dejjem jikbru għal numru ta' pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, mill-kriżi fil-Ġeorġja fl-2008 sal-kunflitt li għadu għaddej fl-Ukraina, ġew ikkawżati mill-politika barranija dejjem iktar assertiva tar-Russja, li rriżultat ukoll fl-aggravar tad-diviżjonijiet bejn ir-Russja u l-UE. Fin-Nofsinhar, is-Sirja kienet milquta minn gwerra ċivili mill-2011 li kellha impatt serju fuq il-ġirien tagħha. Il-Libja hija attwalment pajjiż f'kunflitt. Matul dawn l-aħħar tliet snin, l-Eġittu wkoll għadda minn bidla politika kumplessa. Minkejja sforzi konsiderevoli, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani għadu wieqaf u kien hemm diversi każi ta' ostilità, inkluż fl-2014 f'Gaza. Dawn l-avvenimenti servew biex iżidu l-isfidi ffaċċjati kemm mill-UE kif ukoll mill-imsieħba tagħha, u b'hekk jigggravaw pressjonijiet ekonomiċi u soċjali, il-migrazzjoni irregolari u l-flussi ta' refuġjati, it-theddid għas-sigurtà u jwasslu għal aspirazzjonijiet diverġenti.

Il-PEV evolviet matul dan il-perjodu: il-komponent reġjonali ġie msaħħaħ hekk kif il-Proċess ta' Barċellona evolva fil-ħolqien tal-Unjoni għall-Mediterran fl-2008 u s-Sħubija tal-Lvant tvarat fl-2009. Il-kontenut tal-politika żdied ukoll b'mod sinifikanti. Pajjiżi ġirien issa għandhom il-prospett ta' Żoni ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi, kif ukoll Sħubiji ta' Mobilità jew reġim mingħajr viża. Xi wħud minn dawn diġà ġew konklużi. Barra minn hekk, il-PEV kienet riveduta fl-2012 biex jiġi ddisinnjat rispons għall-avvenimenti tar-Rebbiegħa Għarbija, li matulha rewwixti popolari u konsegwenzi riżultanti wasslu għal xi progress, bħal fit-Tuneżija, iżda wkoll għal instabbiltà aktar mifruxa u tensjoni politika. It-tranżizzjonijiet kienu ta' natura differenti ħafna skont il-pajjiż.

Il-PEV mhux dejjem kienet kapaċi toffri rispons adegwat għal dawn l-iżviluppi reċenti, u lanqas għal bidliet fl-aspirazzjonijiet tal-imsieħba tagħna. Għalhekk, l-interessi proprji tal-UE ma ġewx kompletament servuti anqas.

L-imsieħba wrew differenzi dejjem jikbru ta' involviment mal-UE b'mod ġenerali u fir-rigward ta' setturi differenti ta' politika. Il-PEV estendiet l-influwenza tal-UE f'xi aspetti, iżda f'għadd ta' oqsma, l-aġenda ta' riforma waqfet, parzjalment minħabba interessi jikkompetu ma' xulxin, parzjalment minħabba li mhux l-imsieħba kollha jidhru li huma ugwalment interessati f'sħubija speċjali mal-UE taħt il-mudell ta' pluraliżmu u l-integrazzjoni. L-UE ukoll esperjenzat kriżi ekonomika kbira f'dawn l-aħħar snin, li inevitabilment kellha impatt fuq il-ġirien tagħna.

<sup>1</sup> COM(2003) 104 finali tal-11.03.2003

<sup>2</sup> COM(2011) 303 tal-25.05.2011

Ir-riformi politiċi u ekonomiċi għandhom effett profond fuq soċjetajiet u ekonomiji, kif uriet l-esperjenza tal-UE stess. L-imsieħba jivvalutaw il-benefiċċji fit-tul, iżda wkoll l-ispejjeż li jinqalgħu fuq medda qasira ta' żmien bħala riżultat tar-relazzjoni taġġhom mal-UE skont il-PEV.

L-orjentazzjoni strateġika tal-ġirien taġġna tiddetermina l-limitu sa fejn dawn ikunu jixtiequ jimpenjaw ruħhom mal-UE. Xi msieħba għażlu li jimpenjaw ruħhom fit-triq ta' assoċjazzjoni eqreb mal-UE, u l-UE hija lesta tapprofondixxi r-relazzjonijiet taġġhom. Oħrajn jippreferu li jsegwu triq differenti. L-UE tirrispetta dawn l-għażliet sovrani u hija lesta li tfittex forom oħra ta' involviment.

Minħabba dan kollu, issa hemm hteġa ċara li jiġu rieżaminati s-suppożizzjonijiet li fuqhom hija bbażata l-politika, kif ukoll l-ambitu taġġha, u kif l-istrumenti għandhom jintużaw, inkluż kif setturi differenti ta' politika jistgħu jikkontribwixxu aħjar għal kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw rabtiet bejn prijoritajiet interni u esterni. L-għan ta' dan ir-ieżami huwa li jiżgura li l-PEV tkun tista', fil-futur, taġġi appoġġ b'aktar effikaċja fl-iżvilupp ta' żona ta' stabbiltà, sigurtà u prosperità komuni mal-imsieħba taġġna. Hija għandha wkoll tesplora jekk ir-“relazzjoni speċjali” hijiex tilħaq il-potenzjal sħiħ taġġha, u x'jista' jsir biex tissaħħaħ fl-interessi kemm tal-UE u kemm tal-imsieħba taġġha.

Analiżi aktar ċara tal-interessi, kemm tal-UE u kemm tal-imsieħba taġġha hija meħtieġa biex taddatta il-PEV għal dan l-iskop. Minn banda, huwa essenzjali li jiġu kkonsultati l-imsieħba fuq interessi u ambizzjonijiet taġġhom għal din is-sħubija. Mill-banda l-oħra, jeħtieġ li l-UE tiddefinixxi b'mod aktar ċar l-għanijiet u l-interessi taġġha stess, filwaqt li tippromwovi l-valuri li fuqhom hija bbażata.

Ir-ieżami jeħtieġ ukoll li jwieġeb għat-talbiet ta' msieħba b'livelli differenti ta' ambizzjoni. Fejn diġà hemm involviment u impenn sħiħ għall-integrazzjoni, ir-ieżami għandu jikkunsidra kif nistgħu imexxu 'l quddiem u napprofondixxu s-sħubija taġġna. L-UE tibqa' impenjata li tiżgura li l-potenzjal sħiħ ta' kull sħubija jintlaħaq, filwaqt li tibni fuq is-suċċessi li ntlaħqu sa llum.

Fejn imsieħba wrew inqas involviment, jew xejn, ir-ieżami tal-PEV għandu jikkunsidra r-raġunijiet għal dan, u jeżamina modi sabiex jaddatta aħjar għall-aspirazzjonijiet fuq iż-żewġ naħat. Xi msieħba li bħalissa jinsabu barra l-viċinat jistgħu jkunu meħtieġa jassoċjaw aktar mill-qrib. Għandu wkoll jiġi kkunsidrat kif l-UE għandha tirrispondi l-aħjar għal kriżijiet u sitwazzjonijiet ta' konflitt, inklużi dawk li ilhom għaddejjin, filwaqt li jitqiesu s-sorsi ta' influwenza u pressjoni fuq l-imsieħba taġġna li jiddeterminaw l-pożizzjonijiet politiċi taġġhom, inkluż lejn l-UE.

F'dan ir-rigward, PEV effettiva trid tkun integrata mill-qrib ma' politika barranija ġenerali tal-UE b'approċċ komprensiv billi tuża l-istrumenti kollha kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri.

Huwa f'dan il-kuntest li l-President Juncker iddeċieda li l-PEV ser tiġi rieżaminata f'żmien l-ewwel sena tal-mandat il-ġdid tal-Kummissjoni. L-Istati Membri tal-UE wkoll se jhu għal rieżami, u diġà għamlu proposti. Pajjiżi msieħba esprimew il-ħteġa li tiġi kkalibrata mill-ġdid il-politika; bħalma għamlu partijiet interessati esterni, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali.

B'mod parallel il-Kummissjoni qegħda tiffina l-politika tat-Tkabbir, li tibqa' distinta mill-PEV. F'dan il-kuntest, il-President Juncker stqarr fil-Linji Gwida Politiċi tiegħu li l-ebda tkabbir addizzjonali mhu se jseħħ matul dawn il-ħames snin li ġejjin.

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jinkwadra d-diskussjoni għal rivalutazzjoni dettaljata tal-PEV. Fit-taqsimi II, stipulajna xi sejbiet preliminari f'termini ta' taġġimiet mill-PEV s'issa. Fit-taqsimi III, niżviluppaw uħud mill-ewwel elementi suġġeriti għal rispons lejn iżvilupp ta' sħubija aktar b'saħħitha u nidentifikaw numru ta' kwistjonijiet ewlenin għal diskussjoni mal-imsieħba prinċipali u l-partijiet interessati. Fit-taqsimi IV, nippreżentaw fil-qosor il-passi li jmiss fir-

rigward tal-istrutturar tal-konsultazzjoni pubblika. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni se jikkontribwixxu għal Komunikazzjoni oħra fil-ħarifa tal-2015, li tistabbilixxi proposti konkreti dwar id-direzzjoni futura tal-PEV.

## II. Tagħlimiet Miksuba u Mistoqsijiet dwar id-Direzzjoni Futura tal-PEV

Din is-sezzjoni hija bbażata fuq l-esperjenza ta' għaxar snin ta' implimentazzjoni tal-politika, kif rifless permezz ta' kuntatti regolari u frekwenti ma' Stati Membri tal-UE u pajjiżi msieħba tal-PEV u l-perjodu attwali ta' konsultazzjoni informali, li għalih ħafna kkontribwixxew diġà.

Mill-2004 'l hawn, il-PEV ipprovdiet qafas għar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi ġirien tagħha, filwaqt li ppermettiet lill-Istati Membri tal-UE jilħqu kunsens dwar involviment akbar mal-ġirien kemm lejn il-Lvant kif ukoll lejn in-Nofsinhar. Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-viċinat ġew intensifikati sostanzjalment permezz tal-PEV, bħala riżultat ta' impenji ċari spjegati miż-żewġ naħat fil-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV. Il-PEV ipprovdiet mod kif tirrispondi għat-talbiet stess tal-imsieħba għal involviment akbar mal-Unjoni. Wara 10 snin, is-sħubijiet mal-Ġirien għandhom profil oġhla fl-affarijiet tal-UE; l-UE hija s-sieħba kummerċjali ewlenija għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi msieħba; il-flussi ta' passiġġieri u l-flussi migratorji bejn il-PEV u l-UE ilhom jidiedu b'mod kostanti. L-UE użat il-PEV biex tippromwovi u tevalwa, fuq bażi annwali, l-isforzi ta' riforma f'kull pajjiż, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ta' governanza, abbażi ta' pjanijiet ta' azzjoni miftiehma mal-imsieħba individwali.

Madankollu, ġew identifikati xi nuqqasijiet.

Xi msieħba qed ifittxu b'mod attiv integrazzjoni eqreb mal-UE. Oħrajn mhumiex, jew mhumiex attwalment, miġbuda lejha, u jikkontestaw xi suppożizzjonijiet li fuqhom il-PEV hija mibnija.

Għalkemm il-kunċett ta' differenzazzjoni kien preżenti mill-bidu, il-pajjiżi individwali mhux dejjem isibu l-aspirazzjonijiet speċifiċi tagħhom riflessi biżżejjed. In-nuqqas ta' sens ta' sjieda kondiviża mal-imsieħba tipprevjeni l-politika milli tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha.

L-approċċ ta' "aktar għal aktar" jissottolinja l-impenn tal-UE lejn il-valuri ewlenin tagħha, iżda mhux dejjem kkontribwixxa għal atmosfera ta' sħubija ugwali, u mhux dejjem kien ta' suċċess biex jinċentiva aktar riformi fil-pajjiżi msieħba.

Il-mistoqsijiet imqajma f'din il-Komunikazzjoni jfittxu li jesploraw kif il-PEV tista' ssir vettura aktar għall-promozzjoni kemm tal-interessi tal-UE u dawk tal-imsieħba tagħha, u qafas aktar favorevoli għall-iżvilupp ta' sħubijiet aktar sħaħ li fihom ż-żewġ naħat isibu l-aspirazzjonijiet tagħhom riflessi aħjar.

- L-importanza li jinbnew **relazzjonijiet aktar fil-fond** mal-imsieħba tal-UE mhijiex fid-dubju.

*Il-PEV għandha tinżamm? Għandu qafas wieħed ikompli jkopri kemm il-Lvant kif ukoll in-Nofsinhar?*

- Il-qafas attwali tal-PEV ikopri **16-il pajjiż ġar**. Madankollu, bosta sfidi li għandhom jiġu affrontati mill-UE u l-ġirien tagħha flimkien, ma jistgħux jiġu indirizzati kif xieraq mingħajr ma jieħdu kont ta', jew f'xi każijiet jikkooperaw ma', il-**ġirien tal-ġirien**.

*L-ambitu ġeografiku attwali għandu jinżamm? Il-PEV għandha tippermetti metodi iktar flessibbli ta' ħidma mal-ġirien tal-ġirien? Kif tista' l-UE, permezz tal-qafas tal-PEV, issostni lill-ġirien tagħha fl-interazzjonijiet tagħhom mal-ġirien tagħhom stess? X'jista' jsir aħjar biex tiġi żgurata koerenza ikbar bejn il-PEV u r-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja, ma' msieħba fl-Asja Ċentrali, jew fl-Afrika, partikolarment fis-Saħel u fil-Qarn tal-Afrika, u mal-pajjiżi tal-Golf?*

- Filwaqt li l-PEV hija mmexxija permezz tal-istituzzjonijiet tal-UE, aktar involviment mill-Istati Membri jista' jwassal għal riżultati aħjar.

*Kif jista' approċċ aktar komprensiv b'aktar involviment attiv mill-Istati Membri jagħti aktar piż lill-politika? Sjieda konġunta iktar b'saħħitha tal-politika tkun ippreferuta mill-imsieħba?*

- Il-PEV żviluppat u applikat għodod għal assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika eqreb tal-imsieħba li jaspira lejn dan l-għan, inklużi ftehimiet b'effett estensiv bħalma huma l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv (FA/ŻKĦPK)

*Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ż-ŻKĦPK huma l-għanijiet it-tajba għal kulħadd jew għandhom jiġu żviluppati alternattivi aktar personalizzati, biex jirriflettu interessi u ambizzjonijiet diverġenti ta' xi msieħba?*

- **Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV** servew ta' qafas għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet bejn l-UE u l-imsieħba tal-PEV.

*Il-pjanijiet ta' azzjoni tal-PEV huma l-mezzi t-tajba biex japprofondixxu s-sħubiji tagħna? Huma wiesgħa wisq għal xi msieħba? L-UE, l-imsieħba, se jibbenefikaw minn attenzjoni aktar iffukata u aktar prijoritizzazzjoni?*

- **Ir-Rapporti ta' Progress tal-PEV** għenu biex l-UE tissorvelja mill-qrib il-progress ma' kull wieħed mill-imsieħba tal-PEV li għandhom Pjanijiet ta' Azzjoni, kontra l-għanijiet konġunti miftiehma stabbiliti f'dawk il-Pjanijiet.

*Dan l-approċċ huwa xieraq għall-imsieħba kollha? Żied valur lir-relazzjonijiet tal-UE ma' kull wieħed mill-imsieħba tagħna? L-interessi tal-UE u/jew tal-imsieħba jistgħu jiġu servuti b'mekkaniżmu ta' rapportar eħfef? Ir-rapportar għandu jiġi modulat skont il-livell ta' involviment tal-imsieħba kkonċernati tal-PEV? Kif nistgħu nikkomunikaw aħjar elementi ewlenin?*

- Il-PEV tipprovdi **qafas għal kooperazzjoni settorjali** f'firxa wiesgħa ta' oqsma (inklużi l-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-ġustizzja u affarijiet interni, id-dwana, it-tassazzjoni, l-ambjent, il-ġestjoni tad-diżastri, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġħ, il-kultura, is-saħħa, eċċ.).

*Is-sħubijiet jistgħu jkunu ffukati aktar espliċitament fuq interessi konġunti, sabiex tiżdied is-sjieda fuq iż-żewġ naħat? Kif għandha l-PEV takkomoda d-differenzjazzjoni li din iġġib magħha? Elementi ġodda huma meħtieġa biex tiġi appoġġjata kooperazzjoni aktar profonda f'dawn jew f'oqsma oħra?*

- Il-**liberalizzazzjoni tal-Viża** u l-proċessi ta' faċilitazzjoni tal-viżi ħaffew l-ivvjaġġar u kkonsolidaw riformi; is-sħubijiet għall-mobilità komplew żiedu l-kuntatti, bi programmi li jappoġġjaw dawn il-proċessi.

*X'iktar ħidma hija neċessarja f'dan il-qasam, li huwa meqjus bħala fundamentali mill-imsieħba kollha tal-PEV? Kif tista' l-PEV aktar l-ENP tappoġġja l-ġestjoni ta' migrazzjoni u tgħin biex jittieħdu l-benefiċċji tal-mobbiltà?*

- L-UE tfittex li tippromwovi **prosperità** mal-fruntieri tagħha. Il-prosperità fil-pajjiżi msieħba hija affettwata b'mod negattiv minn nuqqasijiet strutturali bħal l-inugwaljanzi, il-faqar, l-ekonomija informali u nuqqasijiet fid-demokrazija, fil-pluraliżmu u fir-rispett għall-istat tad-dritt. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-imsieħba tal-PEV ġie imfixkel minn taqlib minħabba kunflitt jew bidla rapida interna.

*L-UE kif tista' tagħmel aktar biex tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli fil-pajjiżi msieħba tal-PEV? Kif nistgħu nagħtu s-setgħa ekonomikament, politikament u soċjalment lill-ġenerazzjoni żagħżuġha? Kif jiġu promossi aħjar impjiegi sostenibbli? U kif jistgħu dawn l-għanijiet ikunu marbuta aħjar ma' riformi indispensabbli fl-oqsma tal-*

*ġlieda kontra l-korruzzjoni, tar-riforma ġudizzjarja, tal-governanza u s-sigurtà, li huma pre-rekwiżiti għal investiment dirett barrani?*

- L-UE tfittex li tippromwovi **stabbiltà** mal-fruntieri tagħha. Sabiex tindirizza b'mod effikaċi l-isfidi eżistenti, l-UE għandha tuża l-istrumenti ta' kooperazzjoni kollha tagħha. Attivitajiet taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) s'issa twestqu barra l-qafas tal-PEV. Il-livell ta' nuqqas ta' stabbiltà f'xi pajjiżi msieħba mhux biss tfixkel il-progress lejn demokrazija iżda wkoll jhedded l-istat tad-dritt, jikser id-drittijiet tal-bniedem u għandu impatt serju fuq l-UE, bħal flussi migratorji irregolari u theddid tas-sigurtà.

*Kif għandha l-PEV tindirizza **kunflitti u kriżijiet fil-viċinat**? Attivitajiet tal-PESK u tal-PSDK għandhom jiġu integrati aħjar fil-qafas tal-PEV? Għandu jkollha rwol ikbar fl-iżvilupp ta' miżuri ta' bini ta' kunfidenza u azzjonijiet ta' wara kunflitt kif ukoll attivitajiet relatati ma' bini ta' istituzzjonijiet u ta' stati?*

*Il-PEV għandha tingħata attenzjoni msaħħa fuq il-ħidma mal-imsieħba dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata?*

*Ir-riforma tas-settur tas-sigurtà għandha tingħata importanza akbar fil-PEV?*

- Il-PEV tinkludi għan ċar għall-promozzjoni tal-**kooperazzjoni reġjonali**. Flimkien ma' msieħba, l-UE segwiet din il-kooperazzjoni permezz tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) fin-Nofsinar u s-Sħubija tal-Lvant (SLv) fil-Lvant.

*Id-dimensjoni multilaterali tista' ttiprovdi valur miżjud addizzjonali? Dawn il-formati huma xierqa għall-iskop? Kif tista' tissaħħaħ l-effettività tagħhom? Nistgħu nużaw b'mod aktar effikaċi oqfsa oħra iktar flessibbli? Nistgħu nikkooperaw aħjar ma' atturi reġjonali oħrajn (il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE, il-Lega tal-Istati Għarab, l-Organizzazzjoni tal-Konferenza Iżlamika, l-Unjoni Afrikana)?*

- Il-PEV taħdem b'mod estensiv mal-gvernijiet, iżda tfittex ukoll li tinvolvi ruħha mas-**soċjetà ċivili**, inkluż it-tisħiħ tal-funzjoni tagħha ta' monitoraġġ, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn is-soċjetà ċivili hija libera, jew fil-maġġorparti libera, li topera.

*Il-PEV kif għandha tiżviluppa aktar l-involviment mas-soċjetà ċivili fis-sens l-iktar wiesa' tagħha? Jista' jsir aktar biex jikkollegaw partijiet differenti tal-popolazzjonijiet imsieħba?*

*X'jista' jsir aktar għall-promozzjoni ta' rabtiet bejn il-komunitajiet tan-negozju? Ma' u bejn l-imsieħba Soċjali (it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem) u għall-promozzjoni ta' djalogu soċjali? X'jista' jsir għall-promozzjoni ta' rabtiet bejn il-komunitajiet xjentifiċi, universitajiet, awtoritajiet lokali, in-nisa, iż-żgħażaġh, il-midja?*

- Il-PEV tfittex sħubija reali mal-ġirien tal-UE, u din għandha tirrifletti u tħaddan d-diversità

*Kif tista' l-PEV tagħmel iktar biex trawwem id-djalogu reliġjuż u r-rispett għad-diversità kulturali, u tilqa' għall-preġudizzju? Iż-żieda tal-għarfien dwar il-kulturi ta' xulxin għandha tkun mira aktar speċifika tal-PEV u kif għandha tiġi segwita? Kif tista' l-PEV tgħin biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra gruppi vulnerabbli?*

### **III. Lejn Sħubija b'Aċċenn Aktar Ċar u Kooperazzjoni Aktar Imfassla**

**L-esperjenza u l-kummenti inizjali** ta' għadd ta' Stati Membri tal-UE u pajjiżi msieħba fil-PEV għal dan ir-rieżami jindikaw erba' oqsma ta' prijorità li jeħtieġu aktar konsultazzjoni u riflessjoni:

- **Differenzjazzjoni**
- **Fokus**
- **Flessibilità**
- **Sjieda & viżibilità**

### ***1. L-Isfidi ta' Differenzjazzjoni***

Xi pajjiżi msieħba fil-Lvant qed jaqdbu t-triq lejn ŻKĦPK, u jaspiraw lejn l-eqreb relazzjoni possibbli mal-UE. Għalkemm l-ambitu kbir tar-relazzjoni huwa 'l bogħod milli jkun eżawrit fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet, hemm aspirazzjoni min-naħa tagħhom biex jistabbilixxu orizzont iehore li jmur lil hinn mill-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/ŻKĦPK.

Fin-Nofsinhar, qegħdin jikbru dejjem aktar id-diverġenzi fl-aspirazzjonijiet tal-pajjiżi msieħba u l-instabbiltà li tirriżulta mill-kunflitti armati. L-avvenimenti fid-dinja Għarbija fl-2011 u wara bidlu b'mod fundamentali ir-reġjun. Għal xi msieħba tan-Nofsinhar, dan wassal għal bidla politika pożittiva; oħrajn għadhom għaddejjin minn tranżizzjonijiet kumplessi, għadhom esposti ħafna għall-konsegwenzi tal-kriżi Sirjana, jew għadhom maqbuda f'kunflitti li ilhom għaddejjin.

*L-UE għandha gradwalment tesplora iktar fil-fond formati ġodda ta' relazzjoni li jissodisfaw l-aspirazzjonijiet u l-għażliet ta' dawk li ma jqisux il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bħala l-istadju finali ta' assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika?*

*Kif tista' l-UE tippromwovi l-inkarigu tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnius fl-2013 tal-għan fit-tul ta' żona komuni wiesgħa ta' prosperità ekonomika msejsa fuq ir-regoli tad-WTO u għażliet sovrani madwar l-Ewropa u lil hinn minnha?*

*Hemm lok fil-kuntest tal-PEV għal xi tip ta' ġeometrija varjabbli, b'tipi differenti ta' relazzjonijiet għal dawk l-imsieħba li jagħżlu livelli differenti ta' involviment?*

### ***2. Fokus***

Il-kooperazzjoni tagħna mal-imsieħba tal-PEV, kif stabbilita fil-pjan ta' azzjoni, bħalissa hija wiesgħa ħafna. L-esperjenza turi li l-PEV se tkun l-aktar effettiva meta l-aġenda tal-UE u l-imsieħba tagħha tkun tassew kondiviża. Ir-rieżami għandu jiċċara liema huma l-interessi tal-UE u ta' kull imsieħeb, u dawk l-oqsma ta' interess komuni b'saħħithom. Dan se jgħin isaħħaħ is-sħubija bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħna tagħmel progress.

Fuq il-bażi tal-konsultazzjonijiet informali tagħna sa issa, il-valutazzjoni inizzjali tagħna hija li l-UE u l-imsieħba tagħna għandhom l-iktar interessi komuni qawwija fl-oqsma li ġejjin:

- Il-promozzjoni tal-**kummerċ** u tal-**iżvilupp ekonomiku** inklużiv u sostenibbli u t-titjib tal-opportunitajiet ta' impjeg huma prijoritajiet għall-Ġirien tagħna u huma wkoll fl-interess tal-UE nnifisha, f'oqsma li jvarjaw minn għajxien rurali tradizzjonali għal riċerka u swieq diġitali.
- It-tnejn li huma għandhom ukoll interessi komuni qawwija fit-titjib tal-**konnettività**, l-iktar fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija sostenibbli. Hemm ukoll interess komuni biex tiżdied is-sigurtà u l-effiċjenza tal-enerġija, kif ukoll is-sikurezza tal-enerġija.
- Bħalissa hemm għadd ta' konflitti li qed jaffettwaw ir-reġjun tal-viċinat. L-istabbiltà hija prerekwiżit biex issir ħidma flimkien għal żieda fil-ġid. L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġu jaħdmu aktar flimkien mal-imsieħba tagħna biex jindirizzaw it-theddud għas-**sigurtà** li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ta' konflitt, mill-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u biex jiżviluppaw il-kapaċità tagħna biex b'mod konġunt jamministraw il-kriżijiet u d-diżastri.

- Sħabna qed jiffaċċjaw sfidi ta' **governanza**. Li jiġu żgurati l-istat ta' dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma l-ewwel u qabel kollox essenzjali għaċ-ċittadini tagħhom stess. Billi jtejbu ċ-ċertezza legali, jindirizzaw wkoll kwistjonijiet li huma importanti għal investituri domestiċi u barranin, bħall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi u t-tisħiħ tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż il-kontroll intern pubbliku bbażat fuq standards internazzjonali.
- **Il-migrazzjoni u l-mobilità** huma qasam ewlieni ta' kooperazzjoni għall-UE u l-imsieħba tagħna. Tisħiħ tal-mobilità, b'mod speċjali għal skopijiet ta' edukazzjoni, xjentifiċi, ta' taħriġ u professjonali, għandu effetti pożittivi fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet ukoll. L-indirizzar tat-traffikar tal-persuni u tal-immigrazzjoni illegali huwa sfida komuni
- **Sfidi komuni oħra** b'impatti transkonfinali huma s-sigurtà tas-saħħa, it-theddid għall-ambjent u t-tibdil fil-klima.
- Li jiżdied l-involvement ma' **żgħażaġh**, inkluż permezz ta' skambji edukattivi u netwerks oħra, jista' jkollu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' viżjoni komuni għall-ġejjieni. L-UE ser tkompli tappoġġja opportunitajiet akbar għan-**nisa**.

Ir-rieżami huwa opportunità biex jiġi stabbilit għarfien sod bejn l-UE u l-imsieħba tagħna ta' dawk l-oqsma ta' interess komuni l-iktar b'saħħithom. Din ser tkun il-bażi biex sħubija aktar b'saħħitha tavvanza.

F'dan ir-rigward, nipproponu li l-konsultazzjonijiet jiġu ffokati fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *Taqbel mal-oqsma ta' fokus proposti? Jekk le, x'alternattiva jew priyoritajiet addizzjonali tippromu?*
- *Liema priyoritajiet jaraw l-imsieħba f'termini tar-relazzjonijiet tagħhom mal-UE? Liema settur jew oqsma ta' politika jixtiequ jiżviluppaw aktar? Liema oqsma huma inqas interessanti għall-imsieħba?*
- *Il-PEV attwalment għandha l-mezzi xierqa biex tindirizza l-priyoritajiet li fuqhom int tqis li għandha tiffoka? Kif jistgħu d-djalogi settorjali jikkontribwixxu?*
- *Jekk le, liema mezz ġodda jistgħu jkunu ta' għajjnuna biex japprofondixxu l-kooperazzjoni f'dawn is-setturi?*
- *Kif tista' l-UE tappoġġja aħjar fokus fuq numru limitat ta' setturi ewlenin, għall-imsieħba li jippreferu dan?*

### **3. Flessibilità – Lejn Mezzi Aktar Flessibbli**

Matul l-aħħar għaxar snin, l-UE żviluppata u wessgħet l-istrumenti tal-PEV. Fil-preżent, hija msejsa fuq l-elementi ċentrali li ġejjin:

- Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi sħab tal-PEV huma strutturati fil-qafas legali pprovduti minn Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni (FA) jew Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK).
- Pjanijiet ta' Azzjoni jew Aġendi ta' Assoċjazzjoni ġew maqbula s'issa ma' 12-il pajjiż imsieħeb tal-PEV; għal kull wieħed minn dawn il-pajjiżi, hemm rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-priyoritajiet ta' Pjan ta' Azzjoni.
- Minbarra r-rapporti ta' progress annwali, dan il-Pakkett tal-Viċinat Annwali jinkludi wkoll komunikazzjoni strateġika waħda u żewġ rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' priyoritajiet ta' kooperazzjoni reġjonali, waħda dwar is-Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża mal-imsieħba tan-Nofsinhar u l-oħra dwar is-Sħubija tal-Lvant.



- L-UE żżomm djalogi bilaterali regolari mal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi msieħba tal-PEV f'formati differenti. Dan jinkludi skambji formali previsti f'FA jew FSK (Kunsilli ta' Assoċjazzjoni/Kooperazzjoni, Kumitati ta' Assoċjazzjoni/Kooperazzjoni, sottokumitati settorjali). Hemm ukoll bosta interfaċċji oħra, bħal Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u djalogi oħra speċifiċi għas-settur.
- Appoġġ sostanzjali finanzjarju mmirat diġà għe pprovdut lil pajjiżi msieħba tal-PEV. Ammont ieħor ta' 15 biljun EUR huwa previst għall-perjodu 2014-2020. Rieżami ta' nofs it-term hija prevista għall-2017, li ser tkun opportunità kbira biex taġġusta l-allokkazzjoni u l-implimentazzjoni ta' finanzjament taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat fid-dawl tar-riżultati ta' dan ir-rieżami u biex jiġi żgurat li l-UE tkun kapaċi aktar biex tirreaġixx aktar flessibbilment permezz tal-kooperazzjoni finanzjarja tagħha għal iżviluppi b'rata mgħaġġla fir-reġjun.
- *Kif għandhom jiġu ssimplifikati Pjanijiet ta' Azzjoni biex jiġu addattati aħjar għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' pajjiżi individwali?*
- *Rappurtar annwali huwa meħtieġ għal pajjiżi li ma jagħżlux li jfittxu integrazzjoni politika u ekonomika eqreb?*
- *Kif għandha l-UE tibni r-relazzjonijiet ma' pajjiżi li bħalissa ma għandhomx Pjanijiet ta' Azzjoni?*
- *Kif tista' l-UE tadatta l-prinċipju "aktar għal aktar" għal kument li fih ċerti msieħba ma jagħżlux integrazzjoni eqreb, sabiex tinċentiva r-rispett tal-valuri fundamentali u aktar riformi ewlenin?*
- *Kif jiġi valutat il-progress fil-konfront tal-miri ta' riforma maqbula b'mod konġunt meta pajjiż imsieħeb jesperjenza pressjoni sinifikanti esterna, pereżempju kunflitt armati jew flussi ta' refuġjati?*
- *Kif tista' l-UE timpenja ruħha b'mod aktar effikaċi u tirrispondi b'mod iktar flessibbli għall-iżviluppi fil-pajjiżi msieħba milquta minn sitwazzjonijiet ta' konflitt?*
- *X'għodda ser teħtieġ l-UE biex tirrispondi b'mod aktar effikaċi għal żviluppi b'rata mgħaġġla fil-viċinat tagħha?*
- *L-għażla ta' setturi u mekkaniżmi għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju tal-UE hija xierqa? Kif jistgħu l-impatt u l-viżibbiltà tagħha jiżiedu?*

#### **4. Sjieda & Viżibbiltà**

Waħda mill-iktar kritiki ta' spiss ripetuti tal-PEV hija n-nuqqas ta' sens ta' sjieda ma' l-imsieħba, fis-soċjetajiet tagħhom, u l-għarfien dgħajef tal-pubbliku inġenerali tal-għanijiet u l-impatt tal-politika. Huwa ċar li sforzi sostanzjali huma meħtieġa fil-kument tar-rieżami tal-PEV biex tittejjeb kemm is-sjieda ta' din il-politika minn pajjiżi msieħba u biex tittejjeb il-komunikazzjoni tal-għanijiet u r-riżultati tagħha kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fil-pajjiżi msieħba.

*X'ifittxu l-imsieħba fil-PEV? Kif tista' l-aħjar takkomoda l-interessi u l-aspirazzjonijiet tagħhom?*

*Jistgħu jiġu żviluppanti modi ta' ħidma li jiġu meqjusa bħala iktar rispettużi mill-imsieħba u juru sħubija ta' ugwaljanza? Dan kif għandu jkollu impatt fuq ir-rappurtar annwali?*

*Jistgħu l-istrutturi tal-PEV isiru aktar kollaborattivi, biex jenfasizzaw l-għażliet u tal-imsieħba stess u jippermettu lill-atturi kollha tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba li jieħdu sehem?*

*Il-PEV tista' tagħti benefiċċji f'perjodu ta' żmien iqsar, bil-għan li l-valur ta' din il-politika ikun jista' jiġi mifhum b'mod iktar faċli mill-pubbliku? Dan x'ikun jeħtieġ mill-UE? U mill-pajjiż imsieħeb?*

*Kif jista' l-appoġġ finanzjarju tal-UE jiġi mfassal mill-ġdid b'dinamika ta' investiment aktar milli ta' donazzjoni, fejn ir-rwol attiv tal-pajjiż imsieħeb ikun iktar ċar?*

*L-Istati Membri tal-UE kif jistgħu jiġu involuti b'mod aktar effikaċi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika, inkluż fir-rigward tal-politika barranija u attivitajiet relatati ta' sigurtà? Kif jistgħu l-attivitajiet fl-Istati Membri tal-UE jiġu kkoordinati aħjar mal-PEV?*

Din il-fażi ta' konsultazzjoni pubblika se tkun kruċjali biex tgħin jinbena sens ta' sjieda akbar u biex titwitta t-triq għal komunikazzjoni aktar effikaċi fil-futur tal-PEV.

#### **IV. Il-Passi li Jmiss**

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jinkwadra d-dibattitu politiku dwar id-direzzjoni ġejjiena tal-PEV. L-għan huwa li jiġu kkonsultati bl-aktar mod wiesa' kemm imsieħba f'pajjiżi ġirien u l-partijiet interessati madwar l-UE. Aħna ser nikkonsultaw mal-Istati Membri u l-imsieħba, iżda wkoll ma' firxa wiesgħa ta' atturi minn parlamenti, inklużi l-Parlament Ewropew, is-soċjetà ċivili u think tanks, u mill-imsieħba soċjali, komunitajiet kummerċjali u akkademiċi. Aħna ser nimpennjaw rwieħna ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin attivi fil-viċinat, inkluż b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ewlenin. Membri tal-pubbliku interessati se jkollhom ukoll l-opportunità li jippreżentaw kontribuzzjonijiet bil-miktub. Il-konsultazzjoni dwar dan id-dokument hija prevista sal-aħħar ta' Ġunju.